MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 10/2003

**Joseph Zammit u Victor Zammit**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Mira Estates Limited datat 4 ta' Gunju 2003 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi huma kienu appellaw mid-decizjoni ta' l-awtorita` biex tiskeda l-propjeta` taghhom f'wied ghommor u wied il-kbir, San Gwann, Swieqi u San Giljan;

Illi dan l-appell tas-socjeta` rikorrenti gie deciz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar b'decizjoni tat-23 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet premessi; l-esponenti hassew ruhhom aggravati b'din id-decizjoni (kopja mehmuza) u ghalhekk qeghdin

jappellaw minnha ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kompetenti.

Illi l-aggravju taghhom hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Fl-ewwel lok id-decizjoni hija nulla u minghajr effett u dan billi d-decizjoni ma nghatatx fil-konfront tas-socjeta` li appellat imma fil-konfront ta' Joseph u Victor Zammit personalment; ghalhekk id-decizjoni trid tigi annullata u l-process rimess lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

Fit-tieni lok, id-decizjoni kienet wahda zbaljata fid-dritt billi l-Onorabbli Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar pogga fuq l-appellanti oneru izjed tqil minn dak li lilhom jispetta. Kien kompitu tal-Bord li jara li r-ragunijiet ghall-iskedar tal-propjeta`kienu konvincenti u skond il-ligi, u in difett ta' tali prova kien fl-obbligu li jitfa' l-iskedar 'il barra. In fatti, l-appellanti rnexxielhom juru li s-sit taghhom ma kien la ta' mportanza xjentifika u lanqas ekologika. Il-provi li saru dwar ic-cirkostanzi rilevanti ghall-ippjanar dwar ic-cirkostanzi rilevanti ghall-ippjanar tas-sit in kwistjoni kienu ntizi biex juru li ma kienx hemm dik l-importanza xjentifika jew ekologika li giet allegata li tezisti. In fatti ma hemm l-ebda prova konkreta ta' tali mportanza kif allegat. Kien ghalhekk il-kompitu tal-Bord li jara jekk tali fatturi li jiggustifikaw l-iskedar kenux jezistu jew le u mhux jichad l-appell billi jsib li ma kienx hemm prova bil-kuntrarju. Tali decizjoni jimporta spostar inammissibbli ta' l-oneru tal-prova li trid il-ligi, u ghalhekk jimporta zball fil-ligi. Kien kompitu tal-Bord ta' l-Appell li jara jekk fattwalment tali fatturi li jiggustifikaw l-iskedar kenux jezistu jew le u jiddeciedi mbaghad fuq tali konkluzjoni certa;

Fit-tielet lok, l-iskedar ta' din il-propjeta`, li kienet munita b'permess ghall-kostruzzjoni u zvilupp, jimporta ghad-dannu ta' l-appellanti vjolazzjoni tad-dritt ta' propjeta` taghhom kif protett mill-kostituzzjoni ta' Malta u mill-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa evidenti li l-propjeta` qeghda tigi reza inutilizzabbli ghall-iskop li dik l-istess propjeta` kienet inxtrat u dan

minghajr ma jinghata ebda kumpens ghad-diminuzzjoni tad-drittijiet tieghu.

Ghalhekk, l-esponent, filwaqt li jgib il-premess ghall-konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell u filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gja prodotti u jirrizerva li jgib dawk il-provi permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell joghgobha tannulla l-precitata decizjoni, u in difett li tannulla, tirrevoka, u b’hekk tirrimetti l-atti tal-kawza lura lill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta’ Lulju 2003 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Joseph Zammit u Victor Zammit kontra Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 17 tal-process fejn intqal:

1 Illi l-ewwel kawzali tar-rikors ta' l-appell interpost mill-appellanti huwa bbazat fuq il-fatt illi l-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar indika fl-okkju tieghu lil Joseph Zammit u Victor Zammit fil-kapacita’ personali taghhom minflok fil--kapacita’ rapprezentattiva ghan-nom tas-socjeta’ Mira Estates Ltd. Illi *in vista* ta’ dan, l-appellanti qeghdin jitolbu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta’ l-Appelli.

2. Illi materja simili giet trattata minn din l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **"Louise Anne Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar"** Rikors numru 277A/96 deciza 14 ta’ April 1997). Illi f’din id-decizjoni, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet illi:-

*“La darba d-decizjoni appellata ma gietx ippronunzjata fil-konfront ta' l-appellant fil-kapacita` li biha interponiet l-appell u li biha dehret fil-kawza, cjoe’ ghan-nom ta’*

*socjeta'....... allura l-uniku rimedju disponibbli huwa li l--istess decizjoni tigi annullata u l-kaz jintbghat lura lill-imsemmi Bord sabiex jirregola ruhhu.*

3. Illi in sostenn ta' din id-decizjoni, l-Onorabbli Oorti ta' l-Appell irriferiet ghad-decizjoni moghtija mill-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet **"Joseph Busuttil vs L-Avukat Dottor John Mamo noe"** (Deciza 28 ta' Frar 1997) f'liema decizjoni lOnorabbli Qorti ta' l-Appell qalet illi korrezzjoni fl-okkju ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' Prim'Istanza kellu jigi kkoregut mill-Qorti ta' Prim Istanza li tkun tat is-sentenza, u l-artikoku 175 tal-Kap. 12 ma jaghtix lill-Qorti ta' l-Appell il-fakolta' li taghmel din il-korrezzjoni hija stess.

4. Illi pero`, l-insenjament li johrog mis-sentenza, fuq imsemmija jidher li gie rivedut fid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Rikors numru 344A/98 deciza 23 ta' April 2001). Illi f'din id-decizjoni, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell waslet ghall-konkluzjoni li tannulla d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli u tirrinvija l-atti quddiem l-istess Bord *stante*;

a. Ma kienx hemm qbil bejn il-kontendenti li l-korrezzjoni ssir mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell stess;

b. Il-kwistjoni quddiemha ma kenitx semplici fis-sens li l-okkju kien zbaljat, *stante* li f'parti tal-process kien hemm indikat individwu, f'parti ohra kien indikat l-istess individwu fil-kapacita' rapprezentattiva u sussegwentement rega' gie ndikat fl-istess individwu, u ghaldaqstant, il-Qorti ta' l-Appell qieset li dan ma kienx semplici zball izda l-Bord kellu effetivament jara fil-konfront ta' min kienet qeghda tittiehed iddecizjoni tieghu stess, kif ukoll id-decizjoni precedenti tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.

5. Illi jidher daqstant car illi fejn hemm qbil bejn il-kontendenti li dak kien zball, u fejn jirrizulta b'mod car, bhal ma huwa f'dan il-kaz, illi l-izball jista' facilment jigi ratifikat minn din l-Onorabbli Qorti, dan l-istess zball, a tenur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandu jigi ratifikat minn din l-Onorabbli Qorti, u m'hemmx

lok li d-decizjoni tal-Bord tigi annullata u tintbaghat lura quddiem il-Bord ta’ l-Appelli biex issir tali korrezzjoni. Infatti dan gara anke ricentement fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fir-rikors bl-ismijiet **"Kunsill Lokali Kirkop vs L-Avukat Generali et"** (Rikors numru 4/01 Differit quddiem il-Qorti Kostituzzjonali 9 ta' Gunju 2003) f'digriet moghti fit-22 ta' Jannar 2003, hija stess ikkoregiet zball fl-okkju tad-decizjoni ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) permezz ta' liema korrezzjoni ppremettiet li parti li kienet giet kjamata fil-kawza quddiem l-ewwel Qorti u li bi zvista ma gietx indikata fl-okkju tad-decizjoni, giet inkluza fl-istess okkju u fl-atti successivi quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

6. Illi ghaldaqstant, filwaqt li jigi registrat qbil minn naha tal-kummissjoni appellanta li tali korrezzjoni ghandha ssir minn din l-Onorabbli Qorti u *stante* li jidher car w inekwivoku li tali kien zball genwin *stante* li l-istess appell quddiem il-Bord sar effettivament minn Mira Estates Ltd., l-istess Kummissjoni bir-rispett tissottometti, li anke biex jigu evitati proceduri inutili, din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 175 tal-Kap. 12 u tikkoregi l-atti hija stess.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk ikun il-kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma takkoljix it-tezi hawn fuq esposta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla d-decizjoni u tibghat lura l-atti lill-Bord, u l-Bord ghandu limitatament jikkoregi l-izball maghmul u mhux jerga` jidhol fil-mertu. Wara li dan ikun ikkorega l-izball, l-atti jergghu jintbaghtu lura quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi fuq l-aggravji kollha.

8. Illi minghajr pregudizzju l-appell interpost fil-mertu mill-appellanti m'huwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrekjedi l-artikolu 15(2) ta' l-att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar li jghid hekk:

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu hlief dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri).”*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat illi:

*Din il-Qorti tista` tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi … Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.*

Fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (Qorti ta' l-Appell – Decizjoni ta' l-24 ta' April 1996):-

*Jista` biss isir appell mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata. Hu superfluwu li jigi notat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell – Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi.*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (Qorti ta' l-Appell – Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), gie riaffermat il-principju li:-

*"Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fhiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista` tappella, trid tkun diga` qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u*

*l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu."*

Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord m'hijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom **"Zaren Camilleri vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (Decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti ta' l-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe` l-artikolu 15(2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghal appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata, semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta."*

Wiehed jista` japplika ghall-kaz in ezami dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni **"Joseph Attard vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell numru 13/01 RCP deciz fit-28 ta' Ottubru 2002):

*"Illi minn ezami tad-decizjoni tal-Bord, jirrizulta li l-Bord ma kellux bzonn jippronunzja ruhu fuq xi punt ta' dritt. Invece, id-decizjoni bazikament tikkontjenti semplici applikazzjoni ta' diversi 'policies' tal-Pjan ta' Struttura ghall-fatti tal-kaz kif rahom u apprezzahom il-Bord. Apprezzament tekniku dan li jisfuggi l-mansjoni revizjonali ta' din il-Qorti. Jidher car ghalhekk mill-ewwel illi l-appellant qieghed jappella fuq fatti. Dan m'huwiex possibbli legalment."*

Fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tghid illi:

*"… kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, f'appelli bhal dawn, cjoe` taht l-Att Numru 1 ta' l-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece din il-Qorti tista`, u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord … Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni m'hijiex sindakabbli minn din il-Qoeti f'appelli bhal dawn …"*

9. Illi dan jinghad ghaliex it-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens illi l-Bord ta' l-Appelli qisu ma wizinx il-provi kollha quddiemu u l-fatt li ddecieda favur l-iskedar, qisu awtomatikament jimplika li d-decizjoni tieghu kienet xi wahda frivola.

10. Illi dan m'huwiex il-kaz ghaliex il-Bord kellu l-kompitu li jara xi provi gabu l-partijiet u jara jekk l-appellanti gabux provi aktar sostanzjali kontra l-iskedar aktar milli gabet l-Awtorita`.

11. Illi l-Bord qal hekk:-

*"Fil-kaz in kwistjoni, l-Awtorita` ghazlet certi kriterji minn dawk imsemmija fl-artikolu fuq citat tal-ligi u applikathom ghall-fatti speci ta' dan l-appell. Dawn huma l-importanza ekologika ta' sit u l-importanza xjentifika tas-sit."*

Il-kriterji li semmiet l-Awtorita` biex tikkonvinci l-Bord li s-sit ghandu jigi kkonfermat bhala skedat huma:
*"The scheduling was based on detailed scientific studies undertaken by expert consultants for the formulation of the Local Plan.*

*The scheduling is aimed at the whole valley as a geomorphological unit and it makes no sense with regards to scheduling of a heritage item to disseggrate the property into small parts ……*

*The fact that the area was once within scheme is not relevant to the case since the site is now located* ***outside the development zone*** *and this by Parliamentary resolution. Also, the emerging North Harbours Local Plan is not recommending expansion of the scheme (although the objector claims that such an expansion is 'very much needed') …..*

*The site is an integral part of the valley and hence qualifies for protection as per Structure Plan policies.*

*The objector's comment regarding the Level 2 area at Tat-Tuffieh are also incorrect. Although the area was partly degraded by the road works, the important features (The Evergreen Rose) are still present and they require adequate protection. As regards the degraded areas, we are in contact with the Ministry for the Environment for a possible mitigation of the damage caused earlier."*

Illi dawn huma l-kriterju xjentifici li kellu quddiemu l-Bord u ghaldaqstant huwa gustament u anke wara n-nuqqas ta' provi minn naha ta' l-appellanti, kkonkluda illi:-

*"Fil-kaz odjern, il-Bord ezamina kemm l-appell u r-risposta ta' l-appell, il-GF file 307/98 kif ukoll zamm access fis-sit mertu ta' dan l-appell. L-appellant izda naqas milli jressaq provi sufficjenti quddiem dan il-Bord li jillimitaw kontra t-tezi ta' l-Awtorita` li s-sit mertu ta' dan l-appell huwa ta' mportanza ekologika jew ta' mportanza xjentifika. Tali argumenti jridu jkunu bbazati fuq studji li juru, per ezempju, li m'hemm l-ebda ekologija li forma ta' popolazzjoni ta' pjanti jew ta' speci li jezistu f'dan is-sit li huma endemici jew li ghandu xi valur ghall-flora Maltija. L-istess jghodd ghal forom ohra ta' hxejjex, sigar (huma ta' liema forma huma), insetti, ghasafar, ecc. li jinsabu f'dan is-sit. Sfortunatament, l-argumenti li ngiebu mill-appellant kienu aktar ta' ppjanar milli ta' natura ekologika jew xjentifika biex jipperswadu lil dan il-Bord illi s-sit mertu ta' dan l-appell la ghandu valur xjentifiku u lanqas ghandu valur ekologiku."*

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja prodotti, partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, datata 23 ta' Mejju 2003 u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha premessi mill-ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti Joseph u Victor Zammit, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-23 ta' Mejju 2003, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2003; tas-26 ta' Jannar 2004; tat-2 ta' Marzu 2004 u tat-12 ta' Mejju 2004 fejn bi qbil bejn id-difensuri l-appell gie differit ghad-decizjoni fuq l-ewwel aggravju ghas-26 ta' Ottubru 2004; tas-26 ta' Ottubru 2004 fejn l-appell gie differit ghall-25 ta' Novembru 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din is-sentenza hija limitata ghad-decizjoni dwar l-ewwel aggravju mressaq mis-socjeta', Mira Estates Limited, fir-rikors ta' l-appell taghha. Hija qed issostni li d-decizjoni li nghatat mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-23 ta' Mejju 2003 hija nulla billi d-decizjoni ma nghatatx fil-konfront tas-socjeta' li appellat, imma fil-konfront ta' Joseph u Victor Zammit personalment. Ghalhekk id-decizjoni trid tigi annullata u l-process rimess lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi minn naha taghha l-Awtorita' appellata kkwotat diversi sentenzi fejn qed issostni li fejn hemm qbil bejn il-kontendenti li dak kien zball u fejn jirrizulta b'mod car, bhal f'dan il-kaz, illi l-izball jista' facilment jigi ratifikat minn din il-Qorti, dan l-istess zball, a tenur tal-provvedimenti ta' l-**artikolu 175 tal-Kap.12** ghandu jigi ratifikat minn din il-Qorti, u m'hemmx lok li d-decizjoni tal-Bord tigi annullata u tintbaghat lura quddiem il-Bord ta' l-Appelli biex issir tali korrezzjoni.

Illi m'hemm l-ebda dubju mill-atti pprezentati quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li l-appell sar effettivament mis-socjeta', Mira Estates Limited, u dan jidher car mid-dokumenti annessi mal-*file* ta' l-istess Awtorita' allegati mal-process ta' dan l-appell. Infatti l-istess Awtorita' appellata fir-risposta taghha ma tikkontestax dan u anzi kompliet tghid li dan huwa zball genwin u li l-**artikolu 175 tal-Kap.12** ghandu jigi applikat.

Illi pero' din il-Qorti, bir-rispett kollu lejn is-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita' appellata ma taqbilx mas-sottomissjoni mressqa mill-istess Awtorita' appellata li din il-Qorti ghandha tordna li ssir korrezzjoni u dan peress li jirrizulta li fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati li trattaw kwistjoni simili ghal dik hawn imqajma fl-appell odjern fejn ukoll saru zbalji fl-okkju tas-sentenzi, dan ma jistax issir.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Elisa sive Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) intqal hekk:-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."*

Illi hemm ukoll is-sentenza **"Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe"** (P.A. 10 ta' Dicembru 1963) li nghad ukoll li:-

*"…illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta' xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita' tal-attijiet u tas-sentenza relativa, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."*

Illi imbaghad fid-decizjoni **"Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe"** (Appell, 28 ta' Frar 1997) fejn l-

izball kien jikkonsisti fl-isem ta' l-attur, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet:-

*"Dan hu zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio inkwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk l-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-zball allura jehtieg li jigi ratifikat;*
*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza* ***l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba*** *deciza fl-4 ta' Mejju, 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :-*

*"…din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta' li tikkoregi kull zball li jirrizulta f'kull att li jigi pprezentat wara s-sentenza ta' l-ewwel istanzi imma din il-fakolta' ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru, 1990 fl-ismijiet* ***Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt*** *u s-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja,*** *ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu, 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995; is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 infatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kinux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata;"*

Illi wkoll fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta' April 2001) il-kwistjoni kienet simili ghall-vertenza odjerna ghalkemm mhux ezatt ghax f'dik il-kawza kien hemm ambigwita' dwar l-identita' vera ta' l-appellanti li m'hemmx kwistjoni dwarha fil-kawza odjerna. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell rreferiet ghas-sentenzija moghtija fl-14 ta' April, 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk:-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi ratifikat."*

Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar inghatat kontra Joseph u Victor Zammit personalment meta jirrizulta car mill-atti ta' l-istess appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li huma kienu qed jagixxu ghan-nom tas-socjeta' Mira Estates Limited. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi s-socjeta' ghandha ezistenza guridika separata u distinta minn dawk ta' Joseph u Victor Zammit li huma persuni fizici u kwindi l-ommissjoni u l-izball li sar minn naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess decizjoni ma jistax jitqies li huwa sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.

Illi *inoltre* l-**artikolu 175 (2) tal-Kap.12** jghid hekk:-

*"(2) Kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata,*

*jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista', sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi ghalhekk tqum id-diffikulta' jekk il-fakolta' li ghandha din il-Qorti li tikkoregi isem tal-partijiet f'sentenza appellata moghtija mill-Qorti, testendix ukoll ghal decizjoni moghtija minn tribunal kwazi gudizzjarju bhal ma huwa l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi din il-kwistjoni m'hemmx il-htiega li tigi nvestigata u deciza f'dan il-kaz, ghaliex, fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha s-setgha li tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni mitluba, u dan ghaliex l-izball li jidher li sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tbiddel proprju ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali tip ta' zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' biss jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li jipprovdi l-**artikolu 175 (2)** jirreferi ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni mill-Qorti ta' prim'istanza, u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz il-mertu ta' l-appell odjern, Hawn fil-fatt jittratta dwar zball li jbiddel ghal kollox l-identita' tal-persuna li pprezentat l-appell taghha quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u in effetti dan it-tip ta' zball jaffettwa s-sostanza proprja tad-decizjoni moghtija, u tali korrezzjoni ma tistax u *in verita* m'ghandhiex issir hlief mill-istess Qorti jew organu li jkun ta l-istess decizjoni, iktar u iktar meta hemm dan il-konflitt bejn l-istess partijiet.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant u ghalhekk tiddikjara n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Bord.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha datata 14 ta' Awissu 2003, **tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti, Mira Estates Limited,** fir-rikors ta' l-appell taghha datat 4 ta' Awissu 2003 u b'hekk thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 23 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **"Joseph Zammit u Victor Zammit vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** u b'hekk tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-istess Bord mill-gdid skond il-ligi fid-dawl ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell kontra l-Awtorita' appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------